**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 12 ta' Marzu 2018**

**Rikors Numru 26/2017**

**David Camilleri**

**Vs**

**Ministru ghall-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **David Camilleri** ipprezentat fit-28 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponenti applika fl-4 ta' Novembru 2016 sabiex tigi ezentata t-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura tieghu illi hija registrata bin-numru AA694EH wara illi l-esponenti ttrasferixxa r-residenza tieghu lejn Malta.*

*Illi permezz ta' decizjoni bid-data tas-16 ta' Marzu 2017, l-esponenti gie nfurmat illi l-applikazzjoni tieghu giet rifjutata ai termini tar-regolament 4(3)(e)(f) ta' S.L. 368.01 peress illi l-applikazzjoni tieghu saret wara li kienu ghaddew tletin gurnata minn mindu l-esponenti kien wasal Malta jew kienet waslet il-vettura in kwistjoni u ghaldaqstant, l-applikazzjoni tal-esponenti kienet fuori termine.*
*Illi l-esponenti ihossu aggravat d'dina d-decizjoni tal-Ministru tal-Finanzi u minnha jixtieq jinterponi umili appell.*

*Illi l-fatti illi taw lok ghal dan l-appell huma fil-qosor is-segwenti. L-esponenti, illi huwa cittadin Malti, kien izzewweg Albanija fl-2007 fejn kien jghix b'permess ufficjali ta' residenza. L-esponenti xtara l-karozza in kwistjoni tal-marka Hyundai Tucson fil-5 ta' Gunju 2009. L-esponenti rritorna Malta fit-28 ta' Lulju 2016 u mieghu gab l-imsemmija vettura.*

*Illi l-aggravju tal-esponenti huwa manifest u jikkonsisti f'dan li gej:*
*Illi fl-ewwel lok, il-Bord mahtur mill-Ministru tal-Finanzi applika d-dispositiv hazin tal-ligi meta rrifjuta t-talba tal-esponenti u dana peress illi l-vettura in kwistjoni ma kinitx giet impurtata f'Malta qabel il-wasla tal-esponenti fit-28 ta' Lulju 2016, f'liema kaz' kien japplika r-regolament 4(3)(e) ta' L.S. 368.01 u lanqas ma giet impurtata wara illi l-esponenti rritorna Malta, f'liema kaz, kien japplika r-regolament 4(3)(f) ta' L.S. 368.01. Galadarba, l-esponenti gab il-vettura mieghu meta wasal hawn Malta, ghandu japplika r-regolament 4(3)(d) ta' L.S. 368.01 illi taghti lill-applikant sena mid-data ta' trasferiment tar-residenza sabiex jissottometti l-applikazzjoni ghal ezenzjoni u ghaldaqstant, l-applikazzjoni tal-esponenti saret regolarment u ma tistax titqies illi hija fuori termine.*

*Illi in oltre l-linji gwida illi l-esponenti nghata minn Transport Malta bl-ebda mod ma ndikaw illi huwa kellu tletin jum sabiex japplika, anzi wrew illi l-vettura setghet tigi mpurtata sa zmien sena mid-data ta' trasferiment tar-residenza tal-individwu. Illi dan kollu juri illi r-regolament in kwistjoni u l-linji gwida ufficjali relattivi huma nieqsa mill-limpidita' mehtiega u ta' dan m'ghandux jigi penalizzat l-esponenti.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, u filwaqt illi jirriserva illi jipproduci dawk il-provi kollha mehtiega fil-kors tas-smiegh ta' dan ir-rikors, l-esponenti qieghed bil-qima jitlob illi dana l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka d-decizjoni tal-intimat Ministru tal-Finanzi illi ggib id-data tas-sittax (16) ta' Marzu ta' din is-sena illi permezz taghha cahad l-applikazzjoni tal-esponenti ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura msemmija peress illi ma gietx applikata korrettament il-ligi u ghaldaqstant, hija msejsa fuq kunsiderazzjonijiet arbitrarji, erroneji u bla ebda bazi legali. Bl-ispejjez. "*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi**ipprezentata fl-20 ta' April 2017 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi preliminarjament jigi rilevat li l-okkju huwa skorret stante li l-appell qieghed isir quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ai termini tar-regolament 9(11) tal-L.S. 368.01 u mhux quddiem il-Bord kif mahtur mill-Ministru ghall-Finanzi sabiex jirrapprezenta lill-istess Ministru. Ghalhekk l-esponenti jistieden lir-rikorrenti sabiex jitlob korrezzjoni b'applikazzjoni tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi dan premess l-esponent qua appellat sejjer bil-prezenti risposta jwiegeb ghar-rikors tal-appell interpost mill-appellant David Camilleri li permezz tieghu talab lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirrevoka d-decizjoni tal-intimat Ministru tal-Finanzi illi ggib id-data tas-sittax (16) ta' Marzu ta' din is-sena (hawn annessa bhala Dok. A) illi permezz taghha cahad l-applikazzjoni tal-esponenti bin-numru AA694EH;*

*Illi l-appell dovut quddiem dan l-Onorabbli Tribunal huwa principarjament mfassal fuq zewg aggravji u cioe:*
*1. Li l-Bord mahtur mill-Ministru tal-Finanzi applika d-dispositti̇v hazin tal-ligi meta rrifjuta t-talba tar-rikorrenti stante li l-vettura in kwistjoni ma gietx impurtata f'Malta qabel il-wasla tal-esponenti fit-28 ta' Lulju 2016, f'liema kaz kien japplika r-regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01 u lanqas ma giet impurtata wara li l-esponenti rritorna Malta, f'liema kaz kien japplika r-regolament 4(3)(f) tal-L.S. 368.01 izda r-rikorrenti gab il-vettura mieghu meta wasal hawn Malta u allura, dejjem skont ir-rikorrenti, ghandu japplika r-regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01;*
*2. Li l-linji gwida li l-esponenti nghata minn Transport Malta bl-ebda mod ma ndikaw illi huwa kellu tletin jum sabiex japplika, anzi wrew illi l-vettura setghet tigi mpurtata sa zmien sena mid-data ta' trasferiment tar-residenza tal-individwu;*

*Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju jigi rilevat li, diversament minn dak kontez mir-rikorrenti, johrog car mir-regolament 4(3) tal-L.S. 368.01 li l-kundizzjonijiet stipulate fl-istess huma kumulattivi u mhux alternattivi;*

*Illi difatti l-bord ma rrifjutax l-ezenzjoni taht ir-regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01 appuntu ghaliex tali kondizzjoni giet sodisfatta pjenement mir-rikorrenti;*

*Illi pero' r-rikorrenti, sabiex jikkwalifika ghall-ezenzjoni tat-taxxa tar-registarzzjoni taht l-artikolu 19(3)(f) tal-Kap. 368, irid jissodisfa l-bqija tal-kundizzjonijiet l-ohra stipulati fir-regolament 4(3) tal-L.S. 368.01 tant li r-regolament 4(4) tal-L.S. 368.01 jimponi l-obbligu fuq il-bord li "l-ezenzjoni taht is-subregola (1) m'ghandhiex tinghata meta ...il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiziti stabbiliti taht is-subregola (3)"*

*Illi fl-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti fit-3 ta' Novembru 2016 (hawn annessa Dok.B), David Camilleri ddikjara li l-vettura waslet Malta fit-28 ta' Lulju 2016 filwaqt li halla barra l-kwezit tad-data ta' meta huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu lejn Malta;*

*Illi permezz ta' e-mail mibghuta mis-sur Caeser Grech datata 23 ta' Jannar 2017, ir-rikorrenti ddikjara permezz ta' email datata 27 ta' Jannar 2017 li d-data ta' meta huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu lejn Malta hija l-istess data' ta' meta wasal Malta u cioe' t-28 ta' Lulju 2017 liema data hija l-istess li fiha l-vettura waslet Malta (vide e-mails annessi bhala Dok. C);*

*Illi r-Regolamenti 4(3)(e) u 4(3)(f) jirreferu ghal istanzi meta l-vettura tkun waslet Malta jew qabel jew wara li l-applikant ittrasferixxa r-residenza tieghu ghal Malta. Imkien ma hemm referenza ghad-data ta' meta sehhew dawn l-avvenimenti. Isegwi illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-applikant ihoss li ttrasferixxa r-residenza tieghu fil-mument li nizel l-art Maltija wara li saq il-karozza tieghu minn fuq l-opra tal-bahar, xi hadd minnhom, jew l-applikant jew il-vettura waslu Malta l-ewwel, anke jekk bi ftit hin. Ghaldaqstant l-applikazzjoni qatt ma tista' ssir aktar tard minn 30 jum minn meta l-vettura waslet Malta jew l-applikant ittrasferixxa r-residenza tieghu ghal Malta.*

*Isegwi ghalhekk li, ladarba ma hemmx xi informazzjoni min wasal l-ewwel jekk hux il-vettura jew ir-rikorrent, il-Bord fid-decizjoni tieghu gustament applika t-terminu tat-tletin jum impost mir-regolament 4(3)(e) u r-regolament 4(3)(f) stante li d-data dikjarata mir-rikorrenti ta' meta huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu Malta hija l-istess data li fiha r-rikorrenti ddikjara li l-vettura waslet Malta;*

*Illi huwa fatt inkontestat li r-rikorrenti ssottometta l-applikazzjoni tieghu fit-3 ta' Novembru 2016, jigifieri ferma wara t-terminu kontemplat fir-regolamenti 4(3)(e) u (f) tal-L.S. 368.01 u cioe' dak ta' tletin jum mit-28 ta' Lulju 2017 li hija d-data li fiha r-rikorrenti stess iddikjara bhala li fiha ttrasferixxa r-residenza tieghu f'Malta u li fiha l-vettura waslet Malta;*

*Illi ghalhekk l-esponenti appellat ma kellux triq ohra hlief li josserva l-obbligu mpost fuqu permezz tar-regolament 4(4)(a) tal-istess L.S 368.01 li ma jaghtix ezenzjoni;*

*Illi fir-rigward it-tieni aggravju, l-esponent jirrileva li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur ghal dak li r-rikorrenti jallega fuq il-linji gwidi li nghata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u dan ghaliex il-Ministeru tal-Finanzi huw totalment distint mill-Awtorita' tat-Trasport f'Malta u ghalhekk anqas hu edott mill-fatti tal-kaz f'dak ir-rigward;*

*Illi r-rikorrenti kellu se mai tistiwixxi dik l-azzjoni li ttiha l-ligi kontra l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u mhux kontra l-Ministru appellat u dan ghaliex l-esponent fid-decizjoni tieghu certament ma jista' qatt jinjora l-kelma tal-ligi kif provduta fl-imsemmija regolamenti 4(3)(e), 4(3)(f) u 4(4)(a) tal-L.S. 368.01 irrispettivament jekk ir-rikorrent appellant giex zgwidat o meno mill-imsemmija Awtorita';*
*Illi detto questo jigi rilevat ukoll li dak stipulat fir-regolamenti 4(3)(e) u 4(3)(f) tal-L.S. 368.01 jinstab rifless fl-istess formola ta' applikazzjoni ghall-ezenzjoni li mela r-rikorrenti stess fil-parti A ta' taht it-titolu "Information on Applicability" fejn hemm specifikat is-segwenti: "where a vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption has to be made by the person transferring the residence within 30 days from the date on which that person had transferred his residence to Malta.*

*In case a person has transferred his residence to Malta and a vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption has to be made by the person transferring his residence within 30 days from the arrival of the vehicle in Malta";*

*Illi di piu' jigi rilevat li fl-istess formola ta' applikazzjoni fil-parti D ta' taht it-titolu "Owner Declaration", ir-rikorrenti ffirma d-dikjarazzjoni kontenuta fl-istess li tghid li huwa qara d-dispozizzjonijiet legali tal-Avviz Legali 440 tal-2013 u cioe' l-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Isegwi li r-rikorrenti ssottometta l-applikazzjoni tieghu b'gharfien shih ta' dak li jipprovdi r-regolamenti 4(3)(e) u (f) tal-L.S. 368.01;*

*Illi fid-dawl ta' dak fuq espost johrog li l-aggravji mqajma mir-rikorrenti appellant ma humiwx attendibbli u ghalhekk ghandhom jigu respinti;*

*GHALDAQSTANT, in vista ta' dawn ir-ragunijiet, l-esponent jitlob bir-risppett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tal-appellanti bl-ispejjez kontra tieghu."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti, ta' Francis Attard u ta' Derek Camilleri;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 16 ta' Marzu 2017 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4(3)(e) which stiuplates that " Where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which that person had transferred his residence to Malta"; and under rule 4 (3) (f) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta."*

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-bazi tar-rifjut tal-Bord tinsab fir-Regolament 4 (3) (e) u (f) tal-Avviz Legali 440 tal-2013 li jghid is-segwenti:-

***"3 (e) meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun digà waslet Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha f'Malta; u***

***(f) meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun ghadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tasal Malta."***

Illi **r-rikorrent** xehed illi huwa kien ilu tnax-il sena jghix gewwa Tirana, l-Albanija u gie lura Malta fit-28 ta' Lulju 2016. Jghid li dakinhar huiwa gie Malta bil-karozza flimkien ma' zewgt itfal tieghu. Jispjega illi huwa kien inghata permess ta' tliet xhur biex jiccirkola bil-vettura tieghu u meta mar biex japplika ghal estensjoni sar jaf bil-possibilita` li japplika ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni. Ghalhekk huwa mela u ssottometta l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni pero` jirrizulta illi d-data ta' meta stabilixxa r-residenza tieghu hawn Malta halliha vojta. Konsegwenza ta' dan huwa kien ircieva email fejn gie mistoqsi dwar l-istess data, li sussegwentement huwa indika bhala t-28 ta' Lulju 2016.

**Francis Attard** xehed illi huwa Chairman tal-Bord li japprova jew jirrifjuta l-applikazzjonijiet ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi. Jispjega li l-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent giet ipprezentata aktar tard minn tletin jum minn meta huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta u iktar minn tletin jum minn meta l-vettura de quo waslet Malta. Jispjega li l-ligi ma tikkontemplax xenarju meta l-vettura u sidha jaslu fl-istess hin.

**Ikkunsidra:**

Illi huwa pacifiku, u mill-provi jirrizulta, illi r-rikorrenti u l-vettura in kwistjoni waslu hawn Malta fit-28 ta' Lulju 2016.

Illi r-rikorrent iddikjara wkoll illi huwa ha r-residenza tieghu fl-imsemmija gurnata. Illi d-difensur tar-rikorrent jishaq illi l-ligi ma tikkontemplax sitwazzjoni fejn kemm l-applikant u kemm il-vettura jaslu fl-istess hin, bhal ma gara fil-kaz odjern. Jishaq ghalhekk li la kellu jigi applikat Regolament 4 (3) (e) u lanqas 4 (3) (f). Izda kellu japplika Regolament 4 (3) (d) li jikkoncedi lil applikant zmien sena mid-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu hawn Malta sabiex jissottometti l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni.

Illi t-Tribunal jirrileva illi r-Regolament 4 (3) (d) ma jistghax jittiehed in izolament. Mieghu iridu jigu abbinati s-subincizi l-ohra kollha tal-istess Regolament. Illi taht l-istess Regolament hemm stipulati diversi kondizzjonijiet biex wiehed ikun eligibbli ghall-ezenzjoni. Fosthom li l-applikazzjoni trid issir fi zmien tletin gurnata minn meta wiehed jiehu r-residenza tieghu hawn Malta jekk il-vettura tkun diga hawn Malta. Illi issa f'dan il-kaz l-applikant iddikjara li ha r-residenza tieghu hawn Malta fl-istess

gurnata li ngabet il-vettura hawn Malta. Ghaldqaqstant ghandu japplika Regolament 4 (3) (e) u cioe` li l-applikant ghandu tletin gurnata minn dakinhar li waslet il-vettura biex japplika ghall-ezenzjoni. Mid-data mnizzla fuq l-applikazzjoni nnifisha jirrizulta illi l-applikazzjoni giet sottomessa fit-3 ta' Novembru 2016 u cioe` oltre t-tletin gurnata rikjesti mil-ligi.

It-Tribunal jirrileva illi l-ligi tippermetti zmien sa sena biex wiehed japplika wara li jkun ha r-residenza ordinarja tieghu hawn Malta f'kaz lil-vettura tkun ghadha ma waslitx hawn Malta. Ladarba l-vettura tkun hawn Malta u applikant jiddikjara li ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta allura jiskatta t-terminu ta' tletin gurnata kif spjegat iktar 'il fuq.

Illi di piu` r-rikorrent iddikjara illi huwa sar jaf bl-ezenzjoni meta mar biex igedded il-permess ta' cirkolazzjoni bil-vettura in kwistjoni hawn Malta u cioe` meta kienu ghaddew ferm iktar minn tletin gurnata peress li l-istess permess kien inghatalu tlett xhur qabel.

Illi ghalkemm ir-rikorrent isemmi li huwa kellu affarijiet iktar importanti ghalih li jiehu hsieb, il-ligi hija dik li hi u ghalkemm it-Tribunal jifhem u jissimpatizza mar-rikorrent, ma hemm l-ebda lok li dan it-Tribunal jiddipartixxi minn dak li tghid il-ligi.

Illi jirrizulta wkoll illi fl-informazzjoni li nghata da parti ta' Transport Malta, u cioe` l-linji gwida dwar l-eligibilita` ta' persuni ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni, m'hemmx imnizzel fihom dan il-kriterju tat-tletin gurnata. Madankollu fl-istess applikazzjoni li ssottometta r-rikorent hemm imnizzel car illi l-applikazzjoni trid issir fi zmien tletin gurnata minn meta wiehed jiehu r-residenza tieghu jekk il-vettura tkun hawn Malta jew inkella minn meta tasal il-vettura. It-Tribunal jinnota li t-terminu ta' tletin gurnata fil-parti informattiva tal-applikazzjoni huma mnizzlin b'tipa grassa.

Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis li d-decizjoni tal-Bord kienet wahda gusta u ekwa fic-cirkostanzi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Ministru intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**